# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' April 2001.**

**Numru 9**

**Avviz numru 2213/97 SM**

**Josef u Dorothy mizzewgin Tabone**

**vs**

**Hal Mann Limited**

**Il-Qorti;**

Din hija sentenza fuq appell interpost mis-socjeta' konvenuta kontra sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fis-16 ta' Gunju 2000 fl-atti ta' din il-kawza u fl-ismijiet premessi, liema sentenza taqra kif gej:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 t'Ottubru ta' l-1997 li permezz tieghu l-atturi mizzewgin, Tabone sejhu lis-socjeta' konvenuta biex tidher quddiem din il-Qorti u tghid ghaliex m'ghandiex tkun kundannata:

1. Thallas is-somma ta' hames mija u sebgha u tmenin Lira Maltin u tmin centezmi, (LM587.08,0), imhallsa lill-istess socjeta' konvenuta f'kuntratt t'appalt mill-atturi fejn is-socjeta' konvenuta kellha tipprovdilhom u tillostralhom il-madum, liema appalt ma

sarx skond ma tirrikjedi l-arti u s-sengha, u l-madum ma kienx skond il-kwalita' miftehma jew bhall-kampjun;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tad-9 ta' Settembru ta' l-1996, bis-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata it-18 ta' Frar ta' l-1998 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament, il-karenza ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti biex tisma' u l-intempestivita' tal-azzjoni attrici billi skond il-kuntratt li sar bejnha u s-socjeta' eccipjenti, kien miftiehem li kull ilment li seta' kellha dwar l-appalt moghti kellu jigi riferut ghall-Arbitragg;

2. Illi l-eccipjenti m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-attur Josef Tabone, billi mieghu ma sar l-ebda ftehim, u ghalhekk l-eccipjenti mhix il-legittimu kontradittur tat-talbiet tieghu u ghandha tigi mehlusa mill-harsien tal-gudizzju fil-konfront tieghu;

3. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici mhix fondata la fil-fatt u lanqas fid-dritt, u dan stante li kemm il-materjal u kif ukoll ix-xoghol provdut mis-socjeta' eccipjenti kien skond ma kien miftiehem u skond is-sengha u l-arti;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi preliminarjament din il-Qorti ser tinvesti l-ewwel tlett eccezzjonijiet preliminarji sollevati mis-socejta' konvenuta, senjatament:

a. Il-karenza ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti stante ftehim ta' arbitragg;

b. L-intempestivita' ta' l-azzjoni attrici;

c. Li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attur Josef Tabone u s-socjeta' konvenuta;

Ikkonisdrat:

Illi ghalkemm jidher li gietipprezentata xi forma ta' dokumentazzjoni fl-atti ta' din il-procedura biex tavalta t-tezi tas-socejta' konvenuta, pero' din tant hi fi stat hazin li ma tinqarax;

Illi tali atitudni hi effettivament razenti d-disprezz tal-Qorti stante li qeghdha hemm biss biex tintralca l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja, tixhed dubji inutli dwar l-istess u tipprova tizvija l-indagini gudizzjarja b'mod illecitu;

Illi ghandu jinghad f'dan l-istadju li din id-dokumentazzjoni ma gietx milqugha minn din il-Qorti kif preseduta, pero' l-isforzi ta' l-istess biex tipprova tghasar xi sugu minn tali dokument essenzjali rrizultaw infruttiferi (ara fol 43); u dan fid-dawl tal-fatt li d-dokumenti mhux debitament awtentikati skond il-ligi mhix tiehu konjizzjoni taghhom u tikkonsidrhom daqs li kieku ma gewx ipprezentati;

Illi ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni li in effetti tkopri zewg eccezzjonijiet preliminari huma michuda stante li ma gewx pruvati;

Ikkonsidrat:

Illi fir-rigward tat-tielet eccezzjoni preliminari kif elenkata minn din il-Qorti, stante li s-socjeta' attrici ma ipprezentat l-ebda prova f'dan ir-rigward, din il-Qorti hi wkoll kostretta li tichadha;

Ikkonsidrat:

Illi ghalhekk finalment jiqba' biex jigi analizzat il-meritu veru u proprju tal-procedura odjerna;

Illi l-fatti li taw lok ghal din jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi l-atturi, dak iz-zmien gharajjes, kienu marru x- "showroom" tas-socjeta' konvenuta, Hal-Lija, fejn kienu ezaminaw xi madum ghad-dar taghhom u ghogobhom "sample" ta' kwalita' partikulari;

2. Illi gew infurmati minn impjegati tas-socjeta' konvenuta li s-"sample' li ghogobhom kienu effettivament "seconds" ta' l-istess tip ta' madum u li assigurawhom li jekk jghazlu dan il-madum, allura taghhom kien ser ikun ahjar;

3. Illi effettivament haduhom jaraw kamra li jsibuha bhala l-"laboratorju" li kellha dan it-tip ta' madum u ghogbithom;

4. Illi giet ukoll ghal darba ohra assigurata li l-madum taghha kien ser ikun ahjar, “first quality”;

5. Illi l-ftehim sar, saret ukoll il-konsenja u l-madum twahhal fil-post minn persuna mqabda mill-istess atturi;

6. Illi rrizulta pero’, li meta ghorku l-madum hareg difett fil-madum u gie deskritt mill-attrici hekk:

> “...u dan id-difett kien li qisek qed tara cess, wahda skura u wahda cara”;

7. Illi meta l-attrici ghamlet il-lanjanzi taghha mas-socjeta’ konvenuta dawn flok fehemu l-predikament li l-atturi, zewg zghazagh ghadhom jibdew il-hajja, ghazlu li jezimu ruhhom mir-responsabbilta’ u jitfghu it-tort fuq il-persuna li wahhlet il-madum;

8. Illi l-atturi hassewhom urtati u avveliti wkoll mill-fatt li anke l-periti tas-socjeta’ konvenuta ipprovaw jipprotegu s-socejta’ taghhom billi jresqu l-quddiem ragunijiet minnhom infushom inverosimili, bhal per ezempju, l-fatt li l-post fejn twahhal il-madum kien wiehed imxarrab, izda dan kien kompletament mhux minnhu stante li l-madum twahhal fuq garage;

9. Illi mit-testijiet xjentifici li saru fuq il-madum in dizamina jirrizulta difett intrinsiku fuq il-kulur ta’ l-istess;

10. Illi c-certifikat rilaxxat mill-perit tas-socjeta’ konvenuta, ghalkemm ovvjament “ex parte” u qieghed jigi ezaminat f’dan is-sens, ghandu jinghad ukoll li hu superficjali wisq biex ikun xjentifikament ta’ xi valur;

11. Illi a contrario, dik ipprezentata mill-atturi tirrispetta l-intelligenza ta’ min jaqrha;

Ikkonsidrat:

Illi ghaldaqstant, din il-Qorti hi sodisfatta li l-atturi ippruvaw il-kaz taghhom skond il-ligi u konsegwentement din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tilqa’ t-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez.”

Minn dik is-sentenza appellat is-socjeta’ konvenuta Hal Mann Limited permezz ta’ rikors tal-appell prezentat fis-6 ta’ Lulju 2000, li bih din il-

Qorti intalbet biex tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta appellanti u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

L-atturi pprezentaw risposta ghall-appell il-25 ta' Lulju 2000, li fiha taw ir-ragunijiet taghhom ghala din il-Qorti ghandha tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Din il-Qorti wara li ezaminat ir-rikors tal-appell u r-risposta relativa ghaliha kif ukoll l-atti processwali kollha flimkien mad-dokumenti esebiti kif anke s'intendi s-sentenza appellata fid-dettal taghha tasal ghall-konkluzjoni illi ghandha tissofferma ruhha fuq wiehed mill-aggravji tas-socjeta' appellanti, effettivament l-aggravju principali taghha, 'il ghaliex jidhrilha illi hu ta' tali importanza li jiddirimi l-kwistjoni u ghandu jwassal biex l-atti jigu rinvjati lill-ewwel Qorti halli l-kawza tigi deciza mill-gdid. Din il-Qorti qed tirreferi ghall-appell in kwantu jirrigwarda dik il-parti mis-sentenza appellata fejn fil-bidu ddecidiet illi tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta wara li ddecidiet li ma setghatx tiehu konjizzjoni tad-dokumenti li evidentement fuqhom l-istess eccezzjonijiet kienu bbazati.

F'dan ir-rigward is-socjeta' appellanti tissottometti illi l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni preliminari taghha fuq il-bazi li d-dokumentazzjoni mressqa ma kienitx legibbli u anqas debitament

awtentikata. L-appellanti jissottomettu li l-ebda wahda minn dawn iz-zewg konsiderazzjonijiet m'huma ezatti. Id-dokument li l-ewwel Onorabbli Qorti qed issemmi a fol 43 huwa kopja tad-dokument ezebit mill-atturi nfushom aktar 'il quddiem fil-process li l-ewwel Qorti ma setghatx ma ratux. Ir-raguni ghaliex gie ezebit id-dokument a fol 43 hija ghaliex a tergo tieghu hemm firma cioe' dik tal-attrici kif kien kunjomha qabel izzewget u li ma tidhirx fl-original esibit qabel waqt is-smiegh tal-kawza u li minnu jidher li meta l-attrici ghamlet il-ftehim mas-socjeta' appellanti, hija kienet ghadha xebba u ffirmat bhala Bongailas. Fuq kollox, l-appellanti jissottomettu jekk meta gie prezentat tali dokument l-istess kien gie accettat mill-istess Qorti ghalkemm diversament preseduta, wiehed isibha ftit difficli biex jaccetta kif l-istess Qorti diversament komposta issa tghid li tali dokument qisu ma gie prezentat qatt. L-original tal-istess dokument li jinsab fl-atti tal-kawza javalla l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta' appellanti u dan b'zieda ma' dak li l-attrici nnifisha tindika meta prezentat il-protest gudizzjarju taghha fid-9 ta' Settembru 1996. It-tezi tal-appellanti f'dan ir-rigward hija allura illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghatx tikkonsidra tali kopja bhala llegibbli meta kien hemm l-original ta' dak l-istess dokument ipprezentat fl-atti tal-kawza u prezentat mill-istess atturi.

Illi inoltre l-appellanti jissottomettu illi l-ewwel Onorabbli Qorti kkonsidrat li tali kopja prezentata mis-socjeta' appellanti ma gietx awtentikata u ghalhekk skond dik il-Qorti ma kienitx accettabbli. Nonostante tali

konsiderazzjoni l-appellanti jirrilevaw illi fir-realta' tali kopja giet effettivament awtentikata u tali awtentikazzjoni saret proprju mill-istess attrici appellata li rrikonoxxiet il-firma taghha fuq tali kopja tal-kuntratt appalt mertu tal-kaz. Infatti l-attrici Dorothy Tabone fix-xhieda taghha moghtija fis-seduta tat-18 ta' Settembru 1998 kkonfermat li l-firma fuq il-kopja tal-kuntratt t'appalt, immarkata fl-atti tal-process bhala dokument A2, ipprezentata mill-appellanti, kienet effettivament il-firma taghha. Minn tali xhieda tirrizulta li fiz-zmien tal-firma hija kien jisimha Dorothy Bongailas u li kienet ghadha xebba u li dahlet wehidha f'relazzjoni guridika mas-socjeta' konvenuta u di piu' tirrizulta wkoll l-awtentikazzjoni ta' dik il-kopja.

Kif inghad din il-Qorti ser tissofferma ruhha fuq hekk 'il ghaliex ma taqbilx mad-decizjoni tal-ewwel Qorti illi tinjora kompletament l-ezistenza tad-dokumenti in kwistjoni kemm fuq bazi kif ukoll fuq ohra.

Jidher effettivament illi d-dokumenti gew ezebiti u accettati mill-Qorti meta kienet preseduta differentement minn Magistrat iehor. Din il-Qorti mhix qed tlum lill-Magistrat li effettivament iddecieda l-kaz meta hass ruhu urtat bil-kwalita' ta' dawn id-dokumenti pero' anqas ma jidhrilha li kien il-kaz illi l-istess Qorti tissorprendi lill-partijiet li kienu esebew dawn id-dokumenti li ma kellhomx raguni jahsbu illi ser jigri dak li gara u cioe' li Qorti li kienet accettathom kienet imbaghad ser tikkonsidrahom bhala inezistenti ghaliex illegibbli. Dak li kellu jsir huwa illi jekk il-Qorti kif

allura kif preseduta ma kienitx kuntenta bil-kwalita' tad-dokumenti hija kellha tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza, ggib dan a konjizzjoni tal-partijiet u biex it-tnejn li huma jkollhom il-possibbilita' li jirrimedjaw ghal dan in-nuqqas. Pero' hadd minnhom u wisq inqas is-socjeta' konvenuta ma setghu jigu penalizzati minhabba dokument illi anzi kellhom kull raguni jahsbu u jippretendu li kienu dokumenti li jiffurmaw parti mill-atti tal-kawza u li l-Qorti kienet ser tibbaza is-sentenza taghha fuqhom partikolarment il-konvenut kif inghad li l-ewwel zewg eccezzjonijiet taghhom kienu jiddependu almenu sa dak li tista' tara l-ewwel Qorti mill-kontenut ta' dawn id-dokumenti.

Fil-fehma ta' din il-Qorti m'hemmx altenattiva ghaliha hlief li tannulla s-sentenza appellata peress illi fl-ewwel lok issorpendiet lill-partijiet b'mod li eskludiet mill-provi dokumenti illi huma ma kellhomx ghalfejn jahsbu li mhux ser jigi konsidrati u li effettivament l-ewwel Qorti kellha quddiemha u jmissha ikkunsidrat fid-deliberazzjonijiet taghha ghal dak li jirrigwarda l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, s-sentenza qed tigi annullata u l-atti qeghdin jintbaghtu lill-ewwel Onorabbli Qorti ghall-kontinwazzjoni u decizjoni skond il-ligi. L-ispejjez kemm tal-prim istanza kif ukoll ta' din l-istanza, fic-cirkostanzi, fuq il-bazi ta' error judicis error partis jigu sopportati mill-partijiet ugwalment bejniethom.

Dep/Reg

mg